MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Numru 279/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**CHARLES BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles Buttigieg, ta’ 30 sena, bin Saviour u Rosina nee’ Bonnici, imwieled tal-Pieta’, nhar it-30 ta’ April, 1975, residenti fil-fond imsejjah Thanks God, Triq il-President ta’ Anton Buttigieg, Zejtun, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 249375 (M);

Akkuzat talli nhar it-8 ta’ Lulju, 2004, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ oggetti, li l-valur globali taghhom jaccedi s-somma ta’ mitt lira maltin (Lm100.00), izda inqas

minn elf lira maltin (Lml,000.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar ghad-dannu ta’ Brian Grech;

U kif ukoll talli nhar it-8 ta’ Lulju, 2004, u fix-xhur ta’ wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqin, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat li t-tieni akkuza inghata bhala alternattiva ghall-ewwel wahda, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dik l-akkuza;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Charles Buttigieg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------